MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 474/2002/1

**Fallon Grech Blackman**

**vs**

**Lara Filletti**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Settembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200.00) rapprezentanti valur ta' pendent bi tlett djamanti u zaffir flimkien ma gizirana tad-deheb ta' 18 il-karat li l-attrici

batiet wara li l-konvenuta naqset li trodd lura l-imsemmija oggetti prezjuzi li gew afdati lura lill-konvenuta mill-attrici nhar is-Sibt 6 ta' Gunju 2001 bl-obbligu li din tikkustodihom u troddhom lura.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-2 ta' Lulju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju 2001, kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn din eccepit is-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat pretizi mill-attrici.

2. Illi l-attrici m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru LAF 064 tat-tip Fiat Punto Cabriolet propjeta' ta' Carmel Filletti.

3. Illi mhux minnu li l-oggetti kienu fdati fil-kustodja tal-konvenuta.

4. Illi l-kontendenti flimkien ma Phaedrine Fava marru bil-karozza ta' Carmel Filletti misjuqa mill-konvenuta fid-dar fejn toqghod il-konvenuta u cioe' id-dar 'Tal-Fieres', tal-Fawwara, limiti tas-Siggiewi u wara li pparkjaw din il-karozza quddiem id-dar, huma dahlu fid-dar tal-konvenuta u l-attrici hadet maghha l-basket bil-hwejjeg biex huma jbidlu halli jkunu jistghu johorgu aktar tard lejn Paceville.

5. Illi l-karozza LAF 064 kienet mikxufa peress li hija tat-tip 'cabriolet' u hija b'imperizja u negligenza qed issostni li halliet fil-karozza tal-konvenuta din il-katina u pendent u dan bla dubju ta xejn b'imperizja u negligenza tal-attrici.

6. Illi l-attrici messha dahlet l-oggetti maghha, jekk verament qed issostni li halliethom fil-karozza u mhux in-nuqqas taghha timputah lil haddiehor.

7. Illi meta rritornaw fil-karozza l-attrici allegat li ma sabitx il-katina u pendent u wara li fitxewha baqghu hergin lejn Paceville.

8. Illi hija l-anqas ma ghamlet rapport li l-oggett kien nieqes lill-Pulizija u issa tippretendi li timputa r-responsabilita' civili fuq il-konvenuta li ma kellha x'taqsam xejn fin-nuqqas tal-attrici.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Manwel Azzopardi, tal-konvenuta u, tal-attrici. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-attrici u ta' Marlene Grech Blackman, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda talba ghal rizarciment ta' danni rigwardanti valur ta' pendent bi tlett djamanti u zafir flimkien ma gizirana tad-deheb ta' tmintax (18) il-karat li l-attrici ssostni li fdat f'idejn il-konvenuta fis-16 t' Gunju 2001 u li l-konvenuta naqset milli trodd lura lill-attrici. Din tal-ahhar xehdet li fid-data msemmija, f'xi hin wara nofsinhar, il-konvenuta li kienet qed issuq vettura propjeta' ta' missierha, akkompanjatha d-dar taghha sabiex tigbor xi hwejjeg peress li aktar tard dakinhar stess kienu ser johorgu flimkien u dan wara li jqattghu xi zmien id-dar tal-genituri tal-konvenuta. Fil-vettura kien hemm ukoll habiba taz-zewg partijiet kontendenti, Phaedrine Fava, u bint il-konvenuta ta' tlett snin. L-attrici tghid li l-konvenuta pparkeggjat il-vetura quddiem id-dar tal-genituri taghha f'Hal-Balzan u hija dahlet gewwa sabiex iggib baskett bl-hwejjeg mentri l-konvenuta, bintha u Phaedrine Fava baqghu jistennewha fil-karozza. L-attrici ssostni li meta harget mid-dar kellha f'idejha il-pendent u l-gizirana li jiffurmaw il-mertu tal-kawza. It-tifla tal-konvenuta kienet qed tibki ghaliex riedet tmur it-'toilet' u l-konvenuta talbet lill-attrici sabiex idahhal lit-tifla d-dar taghha ghal dan l-iskop. L-attrici tghid li hija ghamlet dan izda qabel tat il-

pendent u l-gizirana lill-konvenuta sabiex izzommhom sakemm hija ddahhal lit-tifla gewwa. Meta harget mid-dar wara xi hames minuti hija rikbet lit-tifla fis-seat ta’ quddiem u telghet fis-seat ta’ wara. Hija tghid li talbet il-pendent lill-konvenuta u din tal-ahhar indikatilha li kienet poggiet l-istesss pendent fid-‘dashboard’, taht ir-‘radio’ izda meta fitxitu ma sabitux. Dejjem skond l-attrici, il-konvenuta dak il-hin qaltilha li kienet poggietu x’imkien fuq id-‘dashboard’ u li malli jaslu d-dar taghha kienu ser ifitxuh. Meta fil-fatt waslu hdejn id-dar tal-konvenuta il-pendent fil-fatt ma nstabx u l-konvenuta assikurat lill-attrici li ma kienx hemm problemi ghaliex dan kien qieghed x’imkien fil-karozza. L-attrici tispjega li sar tfittix sussegwenti, izda l-pendent baqa’ ma nstabx. Il-konvenuta fil-jiem segwenti kompliet tassigura lill-attrici li l-pendent kien ser jinstab u qaltilha li kienet ser tiehu l-vettura ghand il-‘mechanic’ sabiex jinqalghu is-sedili u d-‘dashboard’ izdaa sussegwentement infurmatha li t-tfittxiija kienet irrizultat negattiva. Kemm l-attrici, kif ukoll ommha, u cioe’ Marlene Grech Blackman, it-tnejn ikkonfermaw li fil-jiem wara li sehh l-incident,, il-konvenuta ripetutament assikurathom li l-pendent kien ser jinstab u li una volta li kien gie fdat lilha hija kienet ser troddu lura b’xi mod. Omm l-attrici spjegat li hija saret taf dwar dak li kien gara it-Tnejn ta’ wara u hija mill-ewwel ikkomunikat mal-genituri tal-konvenuta fir-rigward. Hija tghid ukoll li omm il-konvenuta talbitha sabiex ma jdahlux qrati fil-kwistjoni sabiex jigi evitat li jinqala’ l-inkwiet ma missierit-tifla ta’ bintha li seta’ jipprova jehodilha. Kien ghal din ir-raguni li ma sarx rapport lill-Pulizija kif issuggerixxa l-avukat, tghid Marlene Grech Blackman.

Illi l-konvenuta min-naha l-ohra taghti verzjoni tal-fatti ghal kollox differenti.. Hija tichad kategorikament li l-pendent u l-gizirana qatt gew fdati f’idejha. Hija tikkonferma li kienu waqfu d-dar tal-attrici sabiex din tal-ahhar tigbor xi hwejjeg u li l-attrici harget bil-baskett tal-hwejjeg izda regghet dahlet fid-dar sabiex tiehu t-tifla tal-konvenuta t-‘toilet’ izda tinnega li l-attrici qatt fdatilha f’idejha l-pendent u l-gizirana jew li hija qatt rathom. Dejjem skond il-konvenuta, l-ewwel darba li l-attrici semmiet il-pendent kien biss meta kienu hergin ghall habta tal-hdax ta’ filghaxija meta hija qalet li ma setghatx isssib il-pendent u l-gizirana. Il-konvenuta

tikkonferma li saret tfittxija fil-vettura taghha dak il-hin u anki fil-jiem sussegwenti, u dan anki billi nqalghu is-sedili u d-‘dashboard’, izda tali tfitxija kienet inutili stante li l-pendent u l-gizirana ma nstabux.

Illi t-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi prodotti u haseb fit-tul dwar il-fatti kif espposti quddiemu. Huwa jaqbel ma dak sottomess mill-konvenuta fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha li Phaedrine Fava kienet l-aktar persuna li setghet tixhet dawl fuq il-kwistjoni kollha u kien incident pjuttost sfortnunat li hija kienet prezenti fl-awla fejn kien qed jinstema’ l-kaz matul id-deposizzjoni tal-konvenuta. F’dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal ma kellux triq ohra hlief li jilqa’ l-oggezzjoni tal-avukat difensur tal-attrici u ma jippermettiex lil din il-persuna tixhed. Fiir-rigward ta’ din ix-xhud izda t-Tribunal jixtieq jesprimi r-riservi tieghuu dwar il-fatt li din ix-xhud naqset milli tidher meta ngunta mill-attrici, u dan nonostante li kienet giet debitament notifikata, izda kienet aktar disponibbli li tidher sabiex taghti d-deposizzjoni taghha meta mharrka mill-konvenuta. Dawn ic-cirkostanzi wkoll ikkontribwew ghad-decizjoni tat-Tribunal li ma jippermettiex lil din ix-xhud tiddeponi fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2003. Il-konvenuta tirritjeni li f’kaz bhal dan fejn hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar il-fatti, l-attrici ghandha tigi kkunsidrataa li naqset milli ggib l-ahjar prova meta hija rrinunzjat gahx-xhieda tal-imsemmija Phaedrine Fava. Kif diga’ ntqall aktar il-fuq, Phaedrine Fava kienet l-aktar persuna li setghat titfa’ dawl fuq il-kwistjoni kollha, izda t-Tribunal ma jaqbilx li l-attrici naqset milli tressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba taghha. Dan jinghad ukoll fi-dawl ta’’ dak li jipprovdi l-Artikolu 9(2)(b)  tal-Kap. 380 fis-sens li dan it-Tribunal m’huwiex tenut li jesigi l-ahjar prova. It-Tribunal kellu l-opportunita’ jisma’ liz-zewg partijiet kontendenti jixhdu ‘viva voce’ u jinsab moralment konvint li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici ghandha titwemmen. Dan jinghad anki in vista ta’ dak li jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta nnifisha li fis-seduta tas-16 ta’’ Ottubru 2002, b’riferenza ghat-tfitxija li saret fil-vettura, spontanjament qalet li “fittixna fuq id-‘dashboard’ u taht is-‘seats’ tal-karozza”. Dawn il-kliem jikkontradiicu dak li qed isostni l-konvenuta, fis-sens li li kieku hija qatt ma rat il-pendent u li

kieku l-attrici verament semmiet il-pendent biss fil-11.00 ta' filghaxija meta kienu ser johorgu, kien jaghmel sens li t-tfitxija ssir fil-karozza kollha u mhux jigi individwat d-'dashboard' mill-partijiet kollha tal-karozza. It-Tribunal huwa tal-fehma li din ir-referenza ghad-'dashboard'' da parti tal-konvenuta m'hijiex wahda fortwita u tindika li dak sostnut mill-attricif fis-sens li l-konvenuta kienet indikatilha li halliet il-pendent u l-gizirana fuq id-'dashboard' ghandu jitwemmen.

It-Tribunal jidhirlu li l-attrici pruvat sodisfacentement li hija kienet ikkonsenjat il-gizirana u l-pendent lill-konvenuta u li din tal-ahhar naqset milli troddhomlha lura u ghalhekk it-talba attrici ghandha tintlaqa'' ai termini tal-Artikoli 1900 u 1132 tal-Kodici Civili peress li hija ma agixitx ta' 'bonus paterfamilias' fil-kustodja tal-oggett fdat lilha mill-attrici

Illi l-valur tal-pendent u l-gizirana ma gewx kontestati mill-konvenuta u fi kwlaunkwe kaz l-attrici ressqet provi adegwati u konklussivi f'dan ir-rigward (ara ricevuta esebita a fol. 15 u x-xhieda ta' Manwel Azzopardi).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill attrici s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi."

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. Hi tilmenta illi permezz tad-decizjoni tieghu li ma ppermettiex lil Phaedrine Fava tixhed it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalita` u ta' l-ekwita`. Tikkontendi illi t-Tribunal rabtilha jdejha meta ma hallihiex ittella` din l-ahjar prova taghha li kienet l-unika prova indipendenti li setghet titfa' dawl fuq kif verament sehhew il-fatti. Tinsisti ghalhekk illi gjaladarba kienet tezisti konflittwalita` evidenti fil-versjonijiet tal-kontendenti, t-Tribunal messu halliha tipproduci lix-xhud imsemmija,

anke jekk din kienet prezenti fl-Awla fil-mument li hi kienet qed tiddeponi.

Ma jista' qatt ikun dubitat illi anke quddiem it-tribunal iridu jitharsu l-principju ta' gustizzja naturali u fondamentali ta' smiegh xieraq b'mod li z-zewg partijiet, u mhux parti wahda biss, ikollhom l-istess opportunita` li jressqu l-provi taghhom in sostenn tat-talba azzjonata jew tad-difiza. Tali principju, dejjem s'intendi fir-rispett shih tan-normi procedurali, jibqa' sagrosant. Dan ighodd ukoll fil-kaz tat-Tribunal adit, anke jekk dan, skond l-istess ligi li kkrejatu, hu fakoltizzat jimxi bi speditezza u bl-anqas formalizmu possibbli.

Issa kif inhu hekk ragonevoli u logiku l-mezzi tal-provi jappartjenu ghal katalogu ta' normi prefissati mil-legislatur, senjatament l-artikoli minn 558 sa 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Dawn l-istess mezzi ta' provi, in kwantu elementi probatorji ghar-riljiev partikolari mahsub minnhom, iservu b'mod specjali ta' fonti ghal-liberu konvinciment tal-gudikant.

Fil-kaz tat-Tribunal, a differenza tal-qrati ordinarji, dawn l-istess mezzi ta' prova huma anqas sagramentali, tant li kif jinghad proprju fl-Artikou 9(2)(b) tal-Kap 380, it-Tribunal "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor … …"

Dan affermat, xorta wahda, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lit-Tribunal milli jitlob li ssir il-prova li hu kien jidhirlu li tkun mehtiega biex il-fatti tal-kawza jigu ahjar apprezzati. B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet. Korrettement intiz l-Artikolu 559 tal-Kap 12, ghal liema l-appellanti taghmel espressa riferenza, kellu jfisser biss illi t-Tribunal ma kellux jaccetta prova li ma kienetx l-ahjar prova. Li jfisser li kieku kien hekk jokkorri anke f'dan il-kaz it-Tribunal kellu dritt jezigi li tingieb dejjem l-ahjar prova li kienet fil-possibilita` tal-parti li tingieb. Ara a propozitu **Kollez. Vol.**

**XXXV pI p298** u "**Kristinu Grech -vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju 1998.

Premess is-suespost ghall-iskop ta' kjarezza il-kwestjoni fokali fil-kaz prezenti ma torbitax certament ma' konsiderazzjoni ta' l-ahjar prova daqskemm ma' l-aspett jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni li sar mit-Tribunal, u li wassal ghac-cahda tal-produzzjoni tax-xhud Phaedrine Fava, kienx leziv tal-principju ta' l-imparzjalita` u tad-dritt ekwitattiv. F'dan l-aspett ma jiccentra bl-ebda mod l-Artikolu 559 tal-Kap 12 riferibilment dwar "l-ahjar prova". Il-kaz kollu involut fl-aggravju tal-appellanti jirrivolvi dwar jekk it-Tribunal ghamelx sew jew le meta, sollevat mill-appellata l-ostakolu procedural, ma ippermettiex lix-xhud imsemmija tixhed in vista tal-fatt li din kienet prezenti waqt ix-xhieda tal-istess appellanti.

Hu naturali hafna illi l-ebda parti f'kawza, sokkombenti mbaghad fil-gudizzju, ma thossha sodisfatta li saret gustizzja maghha meta prova korroborattiva vitali tkun giet michuda lilha. Meta tinsorgi kwestjoni bhal din hu, anzi, ippreferut li t-tribunal ihaddan veduta aktar temprata u ragonevolment kawta. Dan premess, ir-regola dejjem pero` tibqa' dik sancita fl-Artikolu 591 tal-Kap 12 li trid li "ebda persuna prezenti waqt is-smiegh ta' kawza ma tista' tingieb bhala xhud fl-istess kawza". Biex ikun altrimenti u t-tribunal li jkun jiddispensa minn din ir-regola u jitbieghed minnha jrid tabilhaqq u tassew ikun sodisfatt b'raguni tajba. Dan fid-diskrezzjoni u l-konvinciment tal-gudikant li jkun. Diskrezzjoni li ma ghandhiex tkun arbitrarja izda artikolata fuq il-perswazjoni o meno tar-raguni additata.

Tajjeb li tigi hawn ribadita l-osservazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni tat-13 ta' Marzu 1958 fil-kawza fl-ismijiet "**Michele Farrugia -vs- Vincenzo Farrugia**" (**Kollez. Vol. XLII pII p955**):

"Din id-disposizzjoni (Art 591) ghandha bhala bazi l-principju u l-prekawzjoni tal-ezami separat tax-xhieda; u hi ntiza li tevita li x-xhud li jkun ghad irid jixhed jista' jisma' d-deposizzjoni ta' xhud iehor fuq diversi cirkostanzi, u b'hekk ifixkel l-iskop li, tant fl-ezami kemm fil-kontro-

ezami, tista' tigi mikxufa l-inveridicita` pregudizzjevoli tax-xhud (**Vol XXI pII p249**); b'mod li r-ragunijiet li ddeterminaw lil-legislatur jistabilixxi din id-disposizzjoni ta' divjet generali jistghu jkunu dawk, fost ohrajn, li persuna prezenti fid-dibattiment gudizzjali tista' tissubixxi l-influwenza tad-diskussjoni u r-rakkont tax-xhieda l-ohra li jkunu ddeponew qabel; u l-interess li jista' jkollha persuna li tkun prezenti fit-trattazzjoni tal-kawza li tikkonferma jew tikkontradici cirkostanzi deposti minn xhieda ohra b'xewqa ta' vittorja ta' wahda mill-partijiet jew ta' sokkombenza ghall-parti l-ohra (**Vol XXII pII p5**)."

Precizata din il-konsiderazzjoni l-appellanti donnha tippretendi li t-Tribunal kellu jaghlaq ghajnejh, jinjora l-fatt tal-presenza tax-xhud fl-awla waqt li hi kienet qed tixhed, u jadopera d-diskrezzjoni konsentita mil-ligi favur taghha. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali, proprju biex tara jekk din id-diskrezzjoni gietx malament ezercitata. B'danakollu hi tal-ferma konvinzjoni li din l-istess diskrezzjoni giet sewwa mizurata fic-cirkostanzi tal-kaz in ispecje u mhux il-kaz la li tindahal u lanqas li tiddisturba dik l-istess fakolta` konsentita mil-ligi lit-tribunal. In partikolari, ma ssib li saret mit-Tribunal adit l-ebda vjolazzjoni tad-dettami tal-imparzjalita` jew tal-ekwita` la fl-atti processwali u lanqas fid-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------